# L-Eċċ. Tiegħu Mons. Paolo Giglio

## Arċisqof Titulari ta' Tindari

## 1927 – 2016

Mons. Paolo Giglio twieled il-Belt Valletta nhar l-20 ta' Jannar 1927 minn Angelo Giglio (imwieled l-Isla fis-7 ta' Frar 1892) u Ludgarda mwielda Borg.

Ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' April 1952. Studja fil-Liċeo u fis-Seminarju ta' Malta u wara mar Ruma fejn ħa l-Liċenzjat fit-Teoloġija u d-Dottorat fid-Dritt Kanoniku fl-Università Gregorjana u d-Diplomazija u l-lingwi moderni fil-*Pontificia Accademia Ecclesiastica* ta' Ruma.

Wara għadda għas-servizz diplomatiku tal-Vatikan u serva fin-Nikaragwa (1958-1959), fl-Arġentina (1960-1962), fl-Iran (1963-1965), f'Saigon, il-Vjetnam ta' Isfel (1966-1968), fil-Jugoslavja (1969-1970), fl-Istati Uniti tal-Amerka (1971-1972), fil-Brażil (1973-1975), fi Franza (1976-1977), u f'Tajwan iċ-Ċina (1978-1986)

Fl-4 ta' April 1986 ġie maħtur Arċisqof Titulari ta' Tindari u Nunzju Appostoliku fin-Nikaragwa, fl-Amerka Ċentrali. L-ordinazzjoni episkopali saret fit-8 ta' Ġunju 1986, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Pier Luigi Celata, Nunzju Appostoliku għal Malta, assistit mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, u mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex.

Qabel ma temm is-servizz tiegħu fin-Nikaragwa, l-Arċisqof Giglio ngħata l-ogħla dekorazzjoni mill-Gvern tan-Nikaragwa. Dwar l-esperjenza tiegħu fin-Nikaragwa, Monsinjur Giglio kien qal li meta fl-1986 wasal f'dak il-pajjiż sab gvern kompletament Komunista u rivoluzzjonarju. Hu stqarr li meta l-Papa għażlu biex imur in-Nikaragwa ma setax jonqos li ma jaħsibx ferm fid-diffikultajiet kbar li kien se jiffaċċja. Iżda fehem mill-ewwel li kellu jittratta ma' kulħadd bi mħabba u b'rispett kbir u għalhekk kien għażel bħala l-motto tal-episkopat tiegħu *Super omnia caritas*.

Fil-25 ta' Marzu 1995, l-Arċisqof Giglio ġie maħtur Nunzju Appostoliku fl-Eġittu. Dwar l-esperjenza diplomatika tiegħu fl-Eġittu, huwa



fakkar li b'popolazzjoni ta' 65 miljun Musulman, il-Kristjani, speċjalmenti il-Kattoliċi, huma ftit. Hu kien semma li darba, waqt li kien għaddej minn triq, ra grupp ta' tfal iwaddbulu l-ġebel u jgħajruh "kelb infidil" għax kien Kristjan. Kompla li minkejja kollox, dejjem fehem li l-missjoni tal-Knisja fl-Eġittu, minkejja t-theddida serja tal-fundamentalisti Iżlamiċi, hi dik li l-Kattoliċi Eġizzjani bil-mod kif jgħixu u bl-imħabba, jagħtu xhieda ta' Kristu u tal-veritajiet tal-Knisja Kattolika.

Ft-2 ta' Frar 2002, fl-età ta' 75 sena, hu rtira mis-servizz diplomatiku u ġie lura Malta.

Hu miet fil-lejla tal-Ħadd, 6 ta' Marzu 2016 fl-età ta' 89 sena. Il-funeral tiegħu sar l-Erbgħa, 9 ta' Marzu, 2016, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fid-9.15 a.m. Il-funeral tmexxa mill-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona O.P.